MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 59/2003

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
RAYMOND CEFAI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Raymond Cefai ta’ 39 sena, iben Joseph u Rita nee’ Sant, imwieled il-Belt - Valletta, fil-31 ta’ Mejju 1963, residenti ‘80’, Flat 8, Triq l-Isptar il-Qadim, il-Belt - Valletta detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 314963(M)

Illi huwa akkuzat talli fis-6 ta’ Jannar, 2003, ghall-habta ta’ xi l-5:15a.m. gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt - Valletta, kkommetta serq ta’ *container* ta’ xorb minerali, li l-valur tieghu ta’ Lm 75 ghad-dannu tad-direttur tal-kumpanija ‘Alfons Farrugia and Sons’ mill-Hamrun, liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261(f), 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'hekk sar recediv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Mejju 2000 (Mag. Dr. Saviour Demicoli LL.D.);

U aktar talli fil-perijodu operattiv ta' sentenza suspiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Gunju 2002 (Mag. Dr. Miriam Hayman LL.D.) ghamel reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.6) u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja:

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ta' l-20 ta' April, 2009;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Raymond Cefai, hati ta' l-ewwel (1), mhux hati tat-tieni (2) akkuza, li hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, li minnha tillibarah, hati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) akkuza, u wara li rat Artikoli 261, 267, 49 u 50 u 28A sa 28H, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn fil-konfront ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza. Ghal rigward tar-raba' (4) akkuza u cioe l-ksur ta'

sentenza sospiza datata 12 ta’ Gunju, 2002, moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, bl-ismijiet **Pulizija Spettur Paul Camilleri vs Raymond Cefai,** il-Qorti qeghdha testendi l-perijodu operattiv ghal erba’ (4) snin ohra mill-gurnata tal-lum.

Din il-piena qed tinghata in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt illi l-proceduri ttawlu inutilment quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------